MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-18 ta' Frar, 2010

Rikors Numru. 740/2004

**Carmen u Rosario Baldacchino.**

**vs.**

**Victoria u Joseph Pace.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 5 ta' Ottubru 2004 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Imhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-attrici Carmen Baldacchino bil-kunsens ta' zewgha l-attur l-iehor kienu pprezentaw rikors fit-28 ta' Jannar 2003 fejn kienu talbu lill-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja

tiddikjara *ai termini* tal-**artikolu 150 (d) tal-Kodici Civili** illi s-setgha tal-genituri ta' Lisa u Silvio Pace limitatament fil-konfront tal-minuri Tristian Pace jigi terminat *ipso jure* u dan ghar-ragunijiet hemm imsemmija, kopja tar-rikors qed jigi ezebit bhala Dok. “A”, kienet talbet ukoll il-Qorti takkordalha t-tutela tal-minuri fit-terminu tal-**artikolu 159 tal-Kodici Civili**.

Illi dan ir-rikors gie eventwalment michud, digriet numru 711/04 u sussegwentement saru rikorsi ohra li Ikoll gew michuda.

Illi in effetti rrizulta li fil-frattemp kien sar rikors fl-atti tal-proceduri inizjati mill-attrici Carmen Baldacchino fejn it-tutela ntalbet min-nanniet tal-minuri Joseph u Victoria konjugi Pace liema rikors gie akkordat fit-23 ta' Settembru 2004 u li ghalhekk il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja qed tirrifjuta li tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tal-atturi.

Illi bir-rispett kollu l-atturi jhossu li l-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja ma applikatx sew l-**artikolu 160 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** ghax ma jirrizultax li huwa fl-interess tal-minuri li t-tutela tieghu tigi fdata f’idejn in-nanniet tieghu.

Illi li jidher car li huwa fl-interess tal-minuri li t-tutela tal-istess minuri tigi fdata f’idejn l-atturi u dan peress li l-atturi ilhom jindukraw il-minuri mit-twelid u issa ghandu sentejn u erba' xhur.

Illi f’dan is-sens ghandu jinghad li n-nanniet tal-minuri li ghandhom sebghin sena huma ta' ftit mezzi, m'ghandhomx kumdita` biex irabbu l-minuri, qatt ma raw lill-istess minuri u *inoltre* talbu t-tutela ta' tmint (8) itfal ohra tal-missier Silvio Pace li qed jiskonta z-zmien ta' ghomru l-habs.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Thassar u tirrevoka d-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Volontarja) tat-23 ta' Settembru 2004 fejn il-Qorti tal-

Gurisdizzjoni Volontarja kienet akkordat it-tutela tal-minuri Tristian Pace lill-konvenuti.

2. Tordna li t-tutela ghandha tigi vestita f'idejn l-atturi u dan fl-interess suprem tal-istess minuri.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 sa 10 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta' Novembru 2004.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Pace datata 25 ta' Ottubru 2004 a fol. 19 tal-process fejn gie eccepew:-

1. Preliminarjament l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti ratione materiae fil-konfront taz-zewg talbiet mressqa mill-atturi.

2. Fit-tieni lok minghajr pregudizzju ghal premess u fil-meritu jigi eccepit *inoltre* li ma jezistux l-elementi legali necessarji stipulati fil-**Kap 16 tal-Ligijijet ta' Malta** fl-**artikoli 158** *et seq.* sabiex jigu avvanzati talbiet simili ghal nomina ta' tutela tal-minuri.

3. IIIi fit-tielet lok u minnghajr pregudizzju ghal premess jigi eccepit *inoltre* li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li huwa jitrabba u jitiqieghed taht il-kura u harsien legali tan-nanniet paterni tieghu, l-odjerni konvenuti minnflok li jinghata f'idejn barranin, l-odjerni atturi u dan *a tenur* tal-**artikolu 160 Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta**.

4. Illi l-premessi mressqa mill-atturi biex javvanzaw it-talbiet taghhom kemm odjerni u kif ukoll precedenti huma Ikoll fattwalment skorretti u jservu biss biex jizvijjaw lill-Gudikant *oltre* li huma vessatorji fil-konfront tal-istess

konvenuti kif ser jirrizulta ahjar waqt is-ismigh ta' dawn il-proceduri.

5. Illi ghalhekk it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra taghhom.

6. B'riserva li l-eccippjenti jinghataw l-oppotunita` li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-atturi minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 20 u tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2005 meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri. Inghatat sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni. L-attrici talbet in-nomina ta' espert (*social worker*) biex jikkonstata z-zewg ambjenti li jghixu fihom il-partijiet u biex jigi stabbilit l-ahjar interess tal-minuri f'dan ir-rigward. Dr. Raphael Fenech Adami irrimetta ruhu. Il-Qorti nnominat lis-*social worker* Josette Camilleri, esperta ghal dan l-iskop u liema esperta kellha tirrelata bil-miktub sad-differiment tas-seduta a spejjez provizorjament tal-atturi.

Rat id-decizjoni moghtija mill-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Noel Cuschieri fuq l-ewwel eccezzjoni (fol 27).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-6 ta' Frar 2007 il-Qorti innominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli sabiex terga' tisma' lix-xhud Carmen Baldacchino u jsiru kontro-ezamijiet ta' Josette Camilleri u Victoria Pace.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli flimkien max-xhieda quddiemha prodota.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti konjugi Pace datata 9 ta’ Lulju 2008 a fol. 168 tal-process.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-atturi datata 13 ta’ Novembru 2008 a fol 173 tal-process.

Rat ir-replika ta’ Carmen Baldacchino et datata 18 ta’ Novembru 2008 a fol 179 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2009 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Jose` Herrera ghal Baldacchino prezenti. Dehret Victoria Pace assistita minn Dr. Raphael Fenech Adami. Il-Qorti ssuggeriet li tkellem lit-tifel fis-sigrieta taghha. Dr. Jose’ Herrera qabel u Dr. Fenech Adami irrimetta ruhu. Il-Qorti tkellmet mal-minuri li ghandu seba’ snin u l-Qorti hasset li fic-cirkustanzi dan kien process idoneju li kellha taghmel *considerando* anke l-eta` zghira tal-minuri u l-effett li din id-decizjoni ser ikollha fuqu u fejn il-Qorti qed tipprova, jekk ikun il-kaz, tara u tevalwa l-interess tal-minuri. Intuzaw il-kliem “jekk ikun il-kaz” sabiex il-Qorti thalli mpregudikati kwistjonijiet legali nvoluti fid-decizjoni taghha. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-partijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in *difett’ ostacolo* ghat-18 ta’ Frar 2010.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi permezz ta’ din il-kawza din il-Qorti ghandha talba ghat-thassir u r-revoka ta’ digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Gurisdizzjoni Volontarja) fejn dik il-Qorti akkordat it-tutela tal-minuri Tristian Pace f’idejn il-

konvenuti, n-nanniet paterni tieghu, u sabiex konsegwentement tali kura u kustodja tal-istess minuri tigi fdata lill-atturi u dan fl-interess tal-istess minuri.

Illi min-naha taghhom, il-konvenuti jiddefendu ruhhom fuq bazi preliminari u jsostnu li din il-Qorti m’ghandhiex il-kompetenza *ratione materiae* li tiddeciedi dawn iz-zewg talbiet. Dan il-punt gie diga` deciz permezz tas-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti diversament ippresjeduta fil-11 ta’ Jannar 2005 fejn iddeciediet illi din il-Qorti ghandha fil-fatt kompetenza u dan, *inter alia*, bis-sahha tal-**artikolu 35 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** li jipprovdi car illi mid-digrieti tal-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja ma jinghatax appell izda, meta l-parti jidhrilha li hija aggravata, tista’ taghmel kawza quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili ghall-provvediment mehtieg.

Illi fil-mertu, il-konvenuti jiddefendu ruhhom billi jsostnu illi ma jezitux l-elementi legali necessarji sabiex jigu avvanzati talbiet simili ghal nomina ta’ tutela tal-minuri. Jeccepixxu wkoll illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri illi Tristian Pace jitrabba u jitqieghed taht il-kura u l-harsien legali tan-nanniet paterni tieghu u mhux ghand l-atturi illi huma barranin. Isostnu wkoll illi l-premessi illi fuqhom l-atturi qeghdin isejsu t-talbiet taghhom huma zbaljati u ntizi biss biex jizvijaw lill-Qorti.

Illi mill-provi imressqa quddiem din il-Qorti jirrizulta illi l-kwistjoni bdiet wara t-talba illi saret mill-atturi quddiem il-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja (kopja tar-rikors datat 28 ta’ Jannar 2003 a fol. 5 *et seq*) sabiex il-Qorti tafdalhom il-kura u kustodja tal-minuri Tristian Pace. Fir-risposta taghhom, il-konvenuti talbu lill-Qorti takkorda lilhom il-kura u l-kustodja tat-tifel u fil-fatt, permezz tad-digriet tas-6 ta’ Settembru 2004 (digriet numru 711/04 a fol. 115 *et seq.*) il-Qorti ordnat illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata lill-konvenuti f’dawn il-proceduri, Victoria u Joseph Pace, in-nanniet paterni tal-minuri.

Illi minn hawn segwew serje ta’ digrieti ohra li ser jigu elenkati hawn ghall-finijiet ta’ korrettezza u kjarezza tal-iter gudizzjarju li wasslu ghal din il-pendenza. Jigi rilevat li

fl-ewwel lok, jirrizulta illi wara dan id-digriet, il-minuri Tristian Pace qatt ma ghadda taht il-kustodja tan-nanniet tieghu. Fil-fatt, permezz tad-digriet moghti fit-23 ta' Ottubru 2004 mertu ta' din il-kawza u li tieghu qieghda tintalab ir-revoka (digriet numru 744/04 - Dok. “B” a fol . 9), il-Qorti Civili fil-Gurisdizzjoni Volontarja akkordat it-talba tal-konvenuti li jigi enforzat id-digriet 711/04 moghti fis-6 ta' Settembru 2004, bl-assistenza tas-*social workers* kif ukoll permezz tal-marixxalli tal-Qorti u jekk ikun hemm bzonn bl-intervent tal-Pulizija Gudizzjarja f'kaz li l-intimati (atturi f'dawn il-proceduri) jibqghu ma jonorawx id-digriet imsemmi.

Illi sussegwentament, fuq talba tal-atturi, il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, permezz tad-digriet taghha tas-7 t'Ottubru 2004 (digriet numru 773/04 – Dok. “CB1” a fol. 34), issospendiet provizorjament l-effetti tad-digriet 744/04 ghall-perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-digriet u dan peress illi kienu gew istitwiti l-proceduri odjerni.

Illi tajjeb illi jissemma' wkoll id-digriet ta' din il-Qorti, diversament ippresjeduta, moghti fil-25 ta' Jannar 2005 (digriet numru 740/04 – kopja tieghu a fol. 35 ) wara talba illi saret mill-atturi f'din is-sede, sabiex jigi sospiz l-ordni taghha sakemm jigu terminati l-proceduri quddiem din il-Qorti. Din il-Qorti pero` astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba peress illi hija fil-gurisdizzjoni taghha bhala Prim'Awla tal-Qorti Civili ma kinitx tat ebda ordni f'dan is-sens.

Illi jirrizulta illi l-minuri, tul dawn il-proceduri, baqa' jghix u jitrabba ghand l-atturi u jidher illi ghadu jghix u jitrabba hemm sal-lum.

Illi l-isfond ta' dan kollu huwa illi l-minuri Tristian Pace sa minn twelidu gie mghoddi lill-atturi sabiex jghix maghhom u jiehdu hsieb it-trobbija tieghu. Jidher mix-xhieda ta' Lisa Pace stess, omm il-minuri (Dok. “CB4” - affidavit a fol. 37 *et seq.*), hija kienet tal-fehma illi Tristian ma setghax jitrabba maghha peress illi ma kellhiex il-mezzi necessarji specjalment dawk finanzjarji sabiex trabbi lit-tifel hi u dan ukoll peress ukoll li waqt it-tqala, zewgha Silvio Pace,

missier il-minuri, gie kkundannat piena ta' ghomru l-habs. Jirrizulta wkoll illi Tristian kien id-disa' wild illi kien ser ikollha u tixhed illi kienet f'diffikulta` dwar kif kienet ser tghajjex iben iehor wahedha.

Illi l-atturi jixhdu illi huma saru jafu li Lisa Pace kien ser ikollha bzonn ghajnuna fit-trobbija ta' Tristian minn qabel ma twieled u dan *tramite* certa Phillis (Dok. "CB1" – affidavit a fol. 44 *et seq*). Jixhdu illi huma kienu offrew l-ghajnuna taghhom u offrew illi jrabbu lil Tristian huma. Jidhru konkordanti x-xhieda ta' omm il-minuri u dik tal-atturi illi din tal-ewwel dejjem kienet tara din l-offerta bhala l-iktar wahda favorevoli ghal Tristian. Jidher illi hija baqghet bl-istess hsieb tul it-tqala u anke meta twieled Tristian. Tixhed Lisa Pace kif ukoll l-atturi illi gurnata biss wara li welldet lil Tristian, l-atturi marru ghaliha l-isptar, wassluha d-dar u hadu t-tifel maghhom. Minn dakinhar 'l hemm Tristian Pace beda u baqa' jghix u jitrabba mill-atturi.

Illi min-naha tal-missier u cioe` dwar jekk huwa qattx ta l-kunsens tieghu biex dan isir, hemm xhieda kunfliggenti. Martu, omm Tristian, da parti taghha tixhed illi varji drabi waqt it-tqala taghha, meta kienet izzur lil zewgha Silvio Pace fil-habs kienet issaqsieh jekk huwa jkunx kuntent illi t-tarbija li kien ser ikollhom titrabba mill-atturi (ara xhieda a fol. 38). Tixhed illi huwa dejjem kien jghidilha illi kellha tara hi ghax hi kienet taf is-sitwazzjoni li kienet qieghda fiha.  Min-naha tieghu, pero`, Silvio Pace jichad illi huwa qatt ta l-kunsens tieghu sabiex Tristian jitrabba mhux minn Lisa Pace izda jintbaghat jitrabba ghand l-atturi (ara xhieda a fol. 103).

Illi ghall-kuntrarju, l-attrici tixhed (fol. 142) illi Silvio Pace, fl-okkazzjoni tal-maghmudija ta' Tristian, kien hadilha b'idha u tar-ragel taghha u kien qallhom illi kellu pjacir illi kienu qeghdin jiehdu hsieb it-tarbija tieghu. Ma jirrizultax mill-provi lanqas illi hu qatt ilmenta jew wera xi kuntrarjeta` dwar kif ibnu Tristian kien qieghed jitrabba. Fil-fatt ma saru l-ebda proceduri minnu sabiex dan l-istat ta' fatt li huwa kien konxju tieghu jinbidel, nkluz dan lejn xi rikjam

ghall-interess tal-minuri, li huwa wiehed li ghandu jizboq fuq kull interess iehor.

Illi min-naha taghhom l-atturi jixhdu illi huma hadu lil Tristian biex irabbuh u minn dakinhar bdew jistmghuh bhala wiehed mill-familja.  Dan jixhduh huma kif ukoll dan jinsab ikkonfermat minn binthom Caroline Paiber (Dok. “CB3” - affidavit a fol. 43) li tghid illi dan Tristian kien dejjem meqjus bhala membru tal-familja Baldacchino. L-attur, fix-xhieda tieghu, jispjega li jqisu bhala ibnu u jipprova jaghtih l-istess trobbija illi ta lil bintu Caroline. Jixhed l-attur ukoll illi lkoll xtaqu jmorru vakanza pero` ma marrux peress illi Tristian m’ghandux passaport u ma ridux ihalluh warajhom.

Illi fir-rigward tal-kuntatt tal-minuri mal-konvenuti u ma’ qraba paterni ohra, jidher illi kuntatt ma hemmx u qatt ma kien hemm, kif tixhed il-konvenuta stess (Dok. “VP 1” - affidavit a fol. 80 u kontro-ezami a fol. 152 *et seq.*). Fejn jikkoncerna  kuntatt ma’ qraba ohra, jidher illi Tristian ghad ghandu kuntatt ma’ ommu Lisa Pace u whud minn hutu u fil-fatt jiltaqa’ maghhom fuq bazi regolari.

Illi dwar dan, il-konvenuta Victoria Pace fix-xhieda taghha tesprimi x-xewqa illi trabbi hi lil Tristian (Dok. “VP 1” a fol. 80 *et seq*.). Tghid sahansitra illi li kieku kellha trabbi t-tfal kollha ta’ binha Silvio u martu Lisa, hija tkun lesta li taghmel dan. Tixhed illi hija u zewgha dejjem offrew l-ghajnuna taghhom lill-genituri ta’ Tristian. Bhal Silvio Pace, missier il-minuri, il-konvenuti ma jesprimu l-ebda dissens dwar kif qieghed jitrabba Tristian, izda jidhru illi talbu l-kura u l-kustodja tieghu sempliciment ghax ma jaqblux illi dan jitrabba mill-barranin.  Mistoqsija fatti ohra dwar il-minuri bhal x’isimhom hutu jew fejn jattendi skola Tristian, hija tghid li ma tafx (xhieda in kontro-ezami a fol. 152 *et seq.*).

Illi tenut kont ta’ dan kollu, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:-

Illi fl-ewwel lok, irid jinghad illi l-atturi ma humiex iressqu biss talba ghal revoka tad-digriet tat-23 ta’ Settembru

2004 izda sabiex din il-Qorti tiehu l-provvediment mehtieg dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri. Dan qieghed jinghad anke fid-dawl ta' gurisprudenza f'dan is-sens fejn jinghad illi ma tistax tintalab biss ir-revoka tad-digriet. Dan johrog car mis-sentenza "**Angelo Gauci vs L-Onor. Dr. Louis Galea noe"** (P.A. -14 ta' Marzu 1955) fejn inghad li l-Qorti f'din l-istanza ghandha taghti kull provvediment mehtieg (**artikolu 35 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**).

Illi, tenut kont ta' dan, il-ligi tipprovdi car illi minuri u cioe` persuna taht l-eta` ta' tmintax-il sena hija soggetta ghas-setgha tal-genituri taghha u din is-setgha ghandha tigi ezercitata bil-ftehim taz-zewg genituri (**artikolu 131 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**). Min-naha taghhom, il-ligi timponi obbligi fuq il-genituri versu uliedhom. L-**artikolu 3B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jinkapsula l-obbligi li ghandu kull genitur versu uliedu u cioe` l-obbligu illi jiehu hsieb, imantni, jghallem u jeduka lil uliedu li jigu miz-zwieg skont il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied. Nuqqas minn dawn l-obbligi jimporta t-telf tas-setgha illi genitur ikollu fuq uliedu. L-**artikolu 154 (1) (e) tal-Kap. 16** jipprovdi car illi bla hsara ta' kull piena ohra li ghaliha jista' jkun suggett skont il-ligi, genitur jista' jigi mnehhi mill-jeddijiet kollha ta' setgha tal-genituri jew minn bicca minnhom jekk jonqos li jaqdi xi wiehed mill-obbligi hawn imsemmija.

Illi fil-kazijiet imsemmija fil-ligi, minuri li jkun taht l-eta' u li tieghu jew taghha ma jkunux mietu jew ikunu tilfu s-setgha tal-genituri u l-minuri ma jkunx izzewweg, dan jista' jitqieghed taht tutela ta' persuni ohra u dan sakemm isir tal-eta` jew sakemm jizzewweg kif provdut permezz tal-**artikolu 158 tal-Kap. 16.**

Illi l-kaz illi ghandha din il-Qorti quddiemha, il-minuri Tristian Pace diga` qieghed taht tutela mhux tal-genituri tieghu izda tan-nanniet paterni tieghu u dan bis-sahha tad-digriet tas-6 ta' Settembru 2004 (fol. 130 *et seq.*) u b'dak tat-23 ta' Settembru 2004 (a fol. 9) illi qeghda tintalab ir-revoka tieghu f'dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk il-kompitu ta’ din il-Qorti huwa illi tara jekk fil-fatt il-minuri ghandux jibqa’ taht it-tutela tal-konvenuti jew jigi fdat f’idejn l-atturi u dan dejjem fl-ahjar interess tal-minuri.

Illi min-naha taghhom, il-konvenuti, bhala qraba tal-minuri, qeghdin jinvokaw l-**artikolu 160 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li jipprovdi illi:-

*“Meta fost il-qraba tat-tifel ta’ taht l-eta` jkun hemm persuni tajba ghal tuturi, il-qorti ghandha tahtar wahda minn dawn il-persuni, u fost dawn dejjem skont l-ahjar interess tat-tifel, lill-eqreb qarib mid-demm.”*

Illi ghalhekk skont id-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu, din il-Qorti kompetenti fic-cirkostanzi partikolari msemmija fl-**artikolu 158,** ghandha tara jekk effettivament il-konvenuti anke bhala qraba tal-istess minuri humiex idoneji sabiex jigu kkonfermati tuturi ta’ Tristian Pace. Jekk hekk ikun il-kaz, id-digriet jew digrieti hawn impunjati ghandhom jigu kkonfermati.

Illi dan l-artikolu pero` ma jistax jigi applikat f’vakum ghaliex fl-ewwel lok ghandu japplika ghall-kazijiet indikati fl-**artikolu 158** (li mhux ezattament bhal kaz odjern) – u ukoll kull decizjoni f’dan is-sens ghandha dejjem tittiehed fid-dawl tal-akbar kunsiderazzjoni illi ghandu jkollha l-Qorti u cioe` li jigi mhares l-ahjar interess tal-minuri, u dan jista’ jimporta li jkun fl-interess tal-istess minuri li dak li jkun jew dawk li jkunu tajbin sabiex jigu appuntati bhala tuturi tal-minuri, jkunu persuni tajba sabiex jiehdu l-istess nomina u inkarigu, izda li mhux necessarjament ikunu qraba tal-istess minuri.

Illi f’dan is-sens, il-gurisprudenza hija abbundanti u hekk fil-kaz fl-ismijiet **“Lourdes Magro vs Carmelo Bonnett”** (P.A. (R.C.P.) – 11 ta’ Dicembru 2003), din il-Qorti iccitat diversi  sentenzi illi inghataw fuq din il-materja li ser jigu hawn riprodotti:-

*“Illi fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza flismijiet **“Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George***

***Lawless",*** *deciza fit-8 ta' Dicembru, 1858 (Vol.I.180) inghad illi "la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera piu' atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"John Cutajar vs Amelia Cutajar et"** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 1956 (Vol. XL.II.714) inghad *"illi, apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha filmaterja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u generalment il-kwistjonijiet bhal din insorta f'dina kawza, huwa dak ta' l-aktar utilita' u dak ta' l-aqwa vantagg u nteress ta' l-istess minuri fl-isfond taccirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut".*

Illi kompliet tghid dik il-Qorti illi "*fil-kamp li fuqu qeghdin nitkellmu, ghalkemm il-parti umanitarja ghandha certament l-importanza taghha fir-relazzjoni tal-persuni li jkunu taw il-hajja lill-istess minuri, eppure l-istess m'ghandhiex tipprevali fuq l-interess u vantagg dirett ta' l-istess tfal; bhal m'ghandhiex ikollha fil-hajja ta' kuljum – kif l-esperjenza tghallem - prevalenza l-affezzjoni jew l-attakkament lejn persuna, anki jekk dettat minn natura, fuq id-dover impost mir-raguni fl-azzjonijiet tal-bniedem tant bhala membru tal-familja, kemm bhala membru tal-komunita` li lilha jkun jappartjeni. Meta l-ghajn tar-raguni, f'xelta ta' l-azzjoni li bniedem jkun irid ta' bilfors jaghzel li jaghmel, turi dover, impellenti versu certa linea ta' kondotta, ghalkemm dik l-ghazla tkun timporta azzjoni drastika fil-kamp umanitarju, eppure' dik il-hruxija ma tkunx hlief apparentement tali; in kwantokke li bilanci talmohh id-dover, li jeleva l-bniedem, u mhux ibaxxieh, ikun gheleb kwalunkwe kunsiderazzjoni ohra li di fronti ghalih (dover) tkun anqas tajba u anqas dinjituza."*

Illi hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **"Giuseppe Scicluna vs Maria Scicluna pro et noe"** deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 1958 (Vol. XLII.ii.1068) inghad *"li l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew fil-ligi antika (li titkellem fuq ledukazzjoni, terminu li ontologikament jimporta l-kura u l-amministrazzjoni tas-sustanzi taghhom (ara De Rohan Lib. III, Capo II, paragrafo XXIV), sew fil-ligi vigenti (ara argument mehud mill-art. 68 Kap. 23), kif ukoll fil-gurisprudenza estera (Annali della Giurisprudenza Italiana, Volume VII, P. II, p.39, Appell Lucca 4 ta' Settembru 1872 in re Buoni utrinque), u f'dik lokali (ara Prim' Awla Civili 8 ta' Dicembru 1858, "Lawless utrinque", Vol. I pag. 180, kolonna sekonda (2da.) med.; Appell 26 ta' April 1867, "Camenzuli vs. Gatt", Volume IV, pagina74, kolonna prima in fine; Prim' Awla Civili 28 ta' Jannar 1956 in re "John Cutajar vs Amelia mart l-istess John Cutajar"; u hafna ohrajn), hija regolata mill-principju ta' l-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess ta' l-istess tfal li c-cirkostanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Yolanda Formosa vs Maggur Frank Formosa"** deciza fl-10 ta' Gunju, 1964 (XLVIII.ii.1033) deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nghad illi *"b'gid tat-tfal ghandna nifhmu mhux tant il-profitt materjali kemm il-ben esseri morali taghhom. It-tfal, f'kawzi bhal dawn, m'humiex oggett in kontraversja u l-interess tal-genituri fil-kwistjoni dwar il-kustodja taghhom huwa nservjenti ghall-interess tat-tfal".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Sylvia Melfi vs Philip Vassallo"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Novembru, 1998 dik l-Onorabbli Qorti qalet illi:-

*"In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child".*

*"The Court should at all times seek the best interests of the*

*child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.”*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **“L-Avukat Dottor Stephen Thake nomine et vs Joseph Portelli”** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fl-4 ta' Novembru, 1994 hemm is-segwenti bran li hu ta’ nteress mhux zghir ghall-kawzi li jigu quddiem din il-Qorti. Il-parti nteressanti ta’ din is-sentenza ser tigi ikkwotata kelma b’kelma:-

*“Id-domanda li ghamlet l-attrici fil-kawza, se tigi ripetuta verbatim sabiex tigi ccarata l-pozizzjoni giuridika korretta tal-kaz prezenti. Din tghid:-*

*"Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:- Fl-ahjar interess ta' l-imsemmi minuri James Joseph Portelli tordna illi l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri James Joseph Portelli tigi fdata lill-imsemmija*
*ommu Tracy Portelli, illum Sample u taghti dawk il-provvedimenti kollha illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward”.*

*“Illi dan jorbot il-Qorti li ma tistax - minn jeddha – tohrog barra mit-termini li jimpurtawlha l-partijiet, (hlief fil-kazijiet u l-interessi tal-minuri hekk jehtiegu) u ghalhekk hafna mill-fatti u konsiderazzjonijiet li gew imsemmija - li ma jattjenux ghad-domanda, m'humiex verament rilevanti”.*

Illi din il-Qorti allura, mehud in konsiderazzjoni dak li qalet l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell f’dan il-kaz hawn appena citat tifhem illi f’certa kazijiet il-Qorti tista’ anke tohrog barra mit-termini li jimpurtawlha l-partijiet fl-att tac-citazzjoni u fit-talbiet taghhom jekk l-interessi tal-minuri hekk jehtiegu.

Illi dawn il-principji hawn fuq elenkati, apparti li johorgu mis-sens komun u logika ta' dak li jkun, ghandhom ukoll isibu konfort fil-gustizzja naturali li l-bniedem minn dejjem haddan. Anke l-artikoli tal-ligi bhal per ezempju l-**artikoli 47, 56, 57 u 61 tal-Kodici Civili** huma kollha ndikattivi li l-Qorti f'kazijiet fejn hemm involuti t-tfal ghandha tara li l-gid taghhom jithares, li l-interess suprem tal-minuri dejjem jipprevali fuq l-interess tal-kontendenti fil-kawza kemm jekk dawk il-kontendenti jkunu mizzewgin u kemm jekk il-kontendenti, bhal ma huma f'dan il-kaz m'humiex mizzewgin, u dan kemm fejn hemm kontestazzjoni bejn qraba tal-minuri u persuni ohra. Kollox huwa sekondarju ghall-interess tal-istess minuri, li jinkorpora t-trobbija tieghu, n-necessitajiet tieghu, l-benessere tieghu kemm materjali u kemm psikologiku, l-konnessjoni mal-familjari tieghu, nkluz f'dan il-kuncett ukoll dawk il-persuni li attwalment jiehdu jew hadu hsieb l-istess minuri, kif ukoll ix-xewqat, sincieri, u espressi b'certa liberta' tal-istess minuri.

Illi anke f'sentenza recensjuri moghtija minn din l-istess Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **"Monique Grecula vs Ronald Allen Grecula"** deciza fis-6 ta' Marzu 2002 inghad:-

*"Illi ghalhekk abbazi tal-principji fuq enuncjati li jirregolaw l-kura u l-kustodja ta' minuri f'Malta jidher din il-Qorti ghandha dejjem thares l-lejn l-interess suprem tal-istess minuri, liema interess huwa dejjem superjuri ghal dak ukoll sekondarju tal-partijiet fil-kawza u cjoe' l-genituri tal-istess tant li tali principju gie ndikat bhala il-paramountancy principle fil-kaz Ingliz **"J vs C"** (HL 1969) minn Lord McDermott iccitat fil-kawza **"Marisa Josephine Shafiquzzaman vs Syed Shaffiquzzam"** (P.A. (N.A.) 31 ta' Mejju 1999)".*

Illi f'din is-sentenza ta' **"Grecula vs Grecula"** inghad ukoll minn din il-Qorti *"Illi l-istess gie ritenut fis-sentenza riportata **"A vs B"** (P.A. (GC). 19 ta' Awissu 1998 – LXXXII.iii.243) fejn inghad li:-*

*"In this case the Court must seek to do what is in the soleinterest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court refers to a judgement of the Honourable Court of Appeal in the names* ***Leslie Anne Pace vs Joseph Pace*** *decided on the 27 th March, 1998".*

Illi dawn il-principji gew dejjem ikkonfermati f'diversi sentenzi Maltin fosthom **"A vs B"** (A.C. 15 ta' Dicembru 1997 – Vol. LXXXI.ii. 956) u **"Ronald Apap vs Ruby Ritchie pro et noe"** (A.C. 27 ta' Ottubru 1995 – LXXIX.ii. 624) fejn gie stabbilit ukoll il-principju li fl-*"ahhar mill-ahhar hija biss il-Qorti li hi l-arbitru finali ta' x'inhu l-interess tal-minuri u kull direzzjoni taghha trid tkun ezaminata minn din l-ottika u hekk motivata".* Ta' l-istess portata hija s-sentenza **"L-Avukat Dr. Stephen Thake nomine vs Joseph Portelli"** (A.C. (GMB). 4 ta' Novembru 1994 – Vol. LXXVIII.ii.338).

Illi certament id-decizjoni illi qeghda tigi fdata f'idejn din il-Qorti, bhal kull kwistjoni ohra dwar kura u kustodja ta' minuri, mhijiex wahda facli. Kif qalet din il-Qorti stess fis-sentenza **"Melissa Micallef proprio et nomine vs Konrad Scotto**" (P.A. (RCP) 27 ta' Gunju 2002):-

*"Illi …. din il-Qorti trid taghmel u tiehu decizjoni li f'certu kazijiet tista' tkun difficli u li ghal xi wahda mill-partijiet ma tkunx tiggjova. Pero' minkejja dan, il-kontendenti f'kull kawza bhal din in ezami u f'kawzi ohra ta' separazzjonijiet personali fejn ikun hemm involuti il-minuri ghandhom japprezzaw illi l-pozizzjoni taghhom, galadarba jkunu gew quddiem il-Qorti jfittxu d-decizjoni taghha, ma tkunx ghadha l-istess bhal ma kienet qabel ma jkunu nbdew il-proceduri gudizzjarji. Dan jimporta illi s-sitwazzjoni ta' bejniethom tkun tbiddlet, xi kultant bi ftit, u xi kultant b'hafna. Illi f'dan l-isfond, il-kontendenti ikunu jridu jifhmu u japprezzaw illi huma bhala genituri iridu jzomm l-interess tal-minuri dejjem suprem. Ma jistax ikun illi kulhadd ikun kuntent bid-decizjoni li tinghata mill-Qorti. Pero' dejjem jipprova jinholoq bilanc bejn l-obbligi u d-*

*drittijiet tal-kontendenti kollox fl-interess suprem ta' l-istess minuri, u fil-kazijiet normali huma l-ġenituri li għandhom jaraw x'inhu l-interess ta' l-istess minuri, u ma jħallux l-interess tagħhom individwali jiehu s-sopravent, b'dan li l-atteggjament tagħhom stess ikun ta' hsara għall-istess minuri."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **"Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna"** (P.A. (R.C.P.) – 27 ta' Novembru 2003) li ghalkemm il-kunsiderazzjonijiet saru fil-kuntest ta' kustodja bejn zewg genituri, il-principji li ghandhom jirregolaw il-kura u l-kustodja tal-ulied huma certament rilevanti ghall-kaz in ezami. Hija qalet hekk:

*"Il-kura tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew fil-ligi antika, sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera, u f'dik lokali, hija regolata mill-principju ta' l-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess ta' l-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. In konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew meta l-konjugi jisseparaw ruhhom gudizzjarjament, sew meta jigu biex jisseparaw konsenswalment".*

*"Il-kura u l-edukazzjoni tat-tfal, fil-kaz li l-mara ma tibqax tghix mar-ragel, trid dejjem tigi affidata lil dak, fost il-mizzewgin li jigi rikonoxxut bhala aktar adatt u idoneju sabiex jikkurahom u jedukahom, tenut kont ta' l-eta` ta' l-istess tfal u c-cirkostanzi kollha tal-kaz taht dawk il-provvediment li jigu kkunsidrati ghall-vantagg ta' tali tfal. F'dan il-kuntest jidher ukoll li huwa relevanti wkoll dak li jhossu l-istess minuri, u f'dan il-kaz din il-Qorti kellha okkazzjoni li separatament tiltaqa' ma' l-istess minuri, li ghamlitha cara li kienet kuntenta fil-kura u kustodja ta' ommha, u fil-fatt hekk dehret".*

*"Apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti 'in subiecta materia', li jiddetermina normalment u generalment il-kwistjonijiet bhal din in konsiderazzjoni f'din il-kawza, huwa dak ta' l-*

*aktar utilita' u dak ta' l-aqwa vantagg u nteress ta' l-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u fattwali li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut."*

Illi l-kaz illi ghandha quddiemha din il-Qorti huwa wiehed partikolari in kwantu quddiemha m'ghandhiex liz-zewg genituri f'disgwid ghall-kustodja ta' binhom bhal fil-maggoranza tal-kazi u bhal dawk hawn citati. Fil-fatt din il-Qorti thoss, li kif gja accennat qabel, il-kaz odjern lanqas jinkwadra ruhu ghal kollox taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 158,** ghaliex effettivament il-genituri tal-istess minuri ghadhom hajjin, u legalment ma jirrizultawx, u dan almenu fid-data meta inghataw il-providementi llum soggetti ghal dawn il-proceduri, li huma kienu tilfu legalment is-setgha ta' genituri, izda kienet il-Qorti li minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, fejn il-genituri waqfu milli jiehdu hsieb tal-istess minuri, li bil-kunsens tal-omm, kien mid-data tat-twelid tieghu, fdat f'idejn l-atturi, itterminat l-istess setgha, u ghaddiet it-tutela tal-istess minuri lill-konvenuti bhala qraba tal-istess neputi taghhom, ghaliex missieru, binhom kien il-habs jiskonta sentenza ta' detenzjoni.

Illi fil-proceduri odjerni, allura l-Qorti ghandha quddiemha fuq naha l-atturi - zewg barranin li pero` ilhom irabbu lill-minuri sa minn mindu twieled u ghadhom irabbuh sal-lum; u fuq in-naha l-ohra ghandha lin-nanniet paterni tal-minuri – li qatt ma kellhom kuntatt mal-minuri li pero` jixtiequ jibdew irabbu lill-minuri huma.

Illi l-Qorti kienet f'dan il-kaz ukoll meghjuna mill-espert tekniku Josette Camilleri, *social worker* illi nhatret sabiex tikkonstata z-zewg ambjenti li jghixu fihom il-partijiet u biex jigi stabbilit l-ahjar interess tal-minuri f'dan ir-rigward (digriet fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2004 a fol. 26 – rapport a fol. 53 *et seq.*) u fir-rapport taghha ressqet is-segwenti rakkomandazzjonijiet u cioe` illi l-kura u l-kustodja ta' Tristian ghandha tigi fdata lill-atturi b'dan illi huma jigu mharrga bhala *foster carers* u dan sabiex bhala tali jaghrfu l-irwol taghhom u anke d-dover illi jghinu lit-tifel ikollu l-ahjar relazzjoni li jista' jkollu ma qrabatu.

Tirrakkomanda wkoll illi Tristian ghandu jkollu kuntatt regolari mal-familjari tieghu.

Illi dawn ir-rakkomandazzjonijiet saru wara illi gie stabbilit:-

- Illi t-trobbija tal-minuri hija wahda tajba u li l-atturi jidhru illi qeghdin jissodisfaw il-htigijiet u l-bzonnijiet ta' Tristian u fil-fatt l-espert tekniku ma sabet xejn negattiv fit-trobbija tal-istess minuri;

- Illi l-minuri jidher illi huwa kuntent u ghandu trobbija felici u dan kif kellha l-okkazzjoni tikkonstata din il-Qorti stess f'laqgha li kellha mal-istess minuri;

- Illi l-atturi ma jsibu l-ebda oggezzjoni illi Tristian ikollu kuntatt regolari mal-familjari tieghu, anzi jemmnu illi dan huwa fl-interess tat-tifel;

- Illi Lisa Pace, omm Tristian, tixtieq illi huwa jibqa' jghix u jitrabba mill-atturi peress illi taf illi qieghed jitrabba sew mill-atturi u hu jinsab kuntent. Jidher illi huwa ghandu kuntatt regolari kemm maghha kif ukoll ma' uhud minn hutu;

- Illi in kwantu ghal Silvio Pace, jidher illi ma huwiex kuntent li Tristian ikompli jitrabba mill-atturi peress illi huwa mhuwiex ikollu access ghall-minuri. Tidher illi din hija l-unika raguni ghalfejn jixtieq illi Tristian fil-fatt jitrabba mal-konvenuti;

- Illi in kwantu ghall-konvenuti, l-espert tekniku tikkonkludi illi l-konvenuta Victoria Pace tixtieq takkuntenta lil binha Silvio billi trabbi lil Tristian. L-espert tekniku kkonstatat mill-intervista li kellha mal-konvenuti illi huma jhobbu t-tfal u jekk Tristian kellu jitrabba maghhom huma jippruvaw jaghtuh trobbija tajba;

Illi l-istess *social worker* tressaq ukoll dawk ir-ragunijiet illi fil-fehma taghha ma jaghmilx lill-konvenuti idoneji sabiex irabbu lil Tristian u cioe`:-

- Ir-relazzjoni hazina illi hemm bejnhom u bejn omm il-minuri. Din il-Qorti fil-fatt tinsab imhassba kemm dan kollu jista' jiggjova lill-minuri jekk kemm-il darba dan ghandu jigi fdat ghand il-konvenuti;

- Jidher illi l-konvenut ghandu qrib is-70 sena, fattur illi certament ghandu jittiehed in kunsiderazzjoni;

- Jidher ukoll illi r-residenza tal-konvenuti ma hijiex addattata sabiex tghix persuna ohra fid-dar mal-konvenuti, tenut kont illi mal-konvenuti jghixu wkoll zewg uliedhom adulti u n-neputija taghhom illi ghadha tarbija; u

- Bhala l-ahhar punt, izda fil-fehma tal-Qorti certament m'huwiex l-inqas importanti, huwa d-distakk illi l-minuri ikollu mill-atturi u mill-ambjenti illi huwa mdorri fih, jekk kemm-il darba l-konvenuti jinghataw l-kura u l-kustodja tieghu.

Illi dawn il-konstatazzjonijiet fil-fatt jirrispekkjaw il-fatti li johorgu mix-xhieda u provi mressqa quddiem din il-Qorti u din il-Qorti thoss li mill-fattispecie kollha tal-kaz, mhux l-inqas dawk indikati mis-*social worker,* u hawn elenkati, ma jistax jinghad li l-konvenuti huma idoneji jew persuni tajba sabiex jigu nominati bhala tuturi tal-istess minuri, anke jekk il-kaz jista' jigi ghall-grazzja tal-argument, jigi kkunsidrat li jaqa' taht il-parametri tal-**artikolu 158 tal-Kap. 16.**

Illi anzi din il-Qorti thoss u dan qed tghidu bir-responsabilita' kollha taghha, u fid-dover li tara liema huwa l-ahjar interess tal-minuri, li r-ragunijiet indikati mis-*social worker*, u li gew ikkonstatati mill-provi f'din il-kawza, jwasslu sabiex din il-Qorti tiddikjara li l-istess konvenuti ma humiex il-persuni idoneji sabiex jigu appuntati bhala tuturi tal-istess minuri.

Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li ma tistax ma tabbraccjax l-istess sentimenti, u dan kemm in vista tal-provi u xhieda li hemm f'din il-kawza, u wkoll fil-dawl tal-fatt li din il-Qorti kellha okkazzjoni li jkollha kuntatt dirett mal-istess minuri li deher car li huwa kien ferhan u kuntentissimu li huwa kien qed jghix mal-atturi, u l-preokkupazzjoni tieghu (u anke biza'), certament mhux zghira, kienet li dan l-istat attwali li huwa qed jghix fih u li huwa komdu ghalih, ghal xi raguni jew ohra, li huwa ma setax jifhem, jinbidel b'dan li huwa jkun kostrett li ma jibqax jghix mal-atturi, li huma l-unici persuni li huwa jhares lejhom bhala dawk il-persuni li jhobbuh, jiehu hsiebu, jipproteguh, u jaghtuh dak kollu li ghandu bzonn, b'dan li jhares lejhom bhala l-persuni li assumew ir-rwol tal-genituri tieghu.

Illi hija l-opinjoni ta' din il-Qorti, anke wara li rat il-provi kollha u wara li tat additu effettiv lill-vuci u l-lehen u ix-xewqa stess tal-istess minuri, u wara li rat id-disposizzjonijiet tal-ligi relevanti, li f'dan il-kaz huwa b'mod lampanti fl-interess suprem tal-minuri li huwa jigi fdat taht it-tutela tal-atturi, anzi din il-Qorti thoss li kull attentat immirat sabiex dan jieqaf jwassal jew fl-ahjar ipotesi jista' jwassal ghall-krizi kbira fit-trobbija u fl-izvillupp tal-istess minuri u hsara serja ghall benessere tal-istess u ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li ghandhom jigu, kif qed jigu adottati l-konkluzjonijiet tal-imsemmija *social worker* u dan wara rrelatat wara li kellha okkazjoni illi hija stess tisma' l-partijiet f'din il-kawza.

Illi tenut kont tal-principji hawn fuq elenkati, tal-provi mressqa u tal-konkluzjonijiet tas-*social worker*, din il-Qorti thoss illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri Tristian Pace li jkompli jghix u jitrabba ghand u mill-atturi. Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li l-istess minuri Tristian Pace ghandu jkun taht it-tutela tal-atturi u dan fil-kuntest tal-akkoljiment tat-talbiet attrici.

Illi *in oltre* u fid-dawl tac-cirkostanzi, din il-Qorti thoss li l-atturi ghandhom iheggu l-kuntatt mal-qraba tal-minuri fdat lilhom u dan ukoll fl-ahjar interess tal-istess minuri u ghalhekk ghandhom jaraw li jsehh dan il-kuntatt b'mod

gradwali u okkorrendo bl-assistenza ta' agenziji ezistenti f'dan il-pajjiz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Thassar u tirrevoka d-digriet tal-Qorti Civili ta' Gurisdizzjoni Volontarja tat-23 ta' Settembru 2004 fl-atti tad-Digriet Nru. 711/04/AJM fejn il-Qorti tal-Gurisdizzjoni Volontarja akkordat it-talba tal-konvenuti li jigi enforzat id-digriet tas-6 ta' Settembru 2004 bl-assistenza tas-*social workers* tal-Agenzija Appogg u kif ukoll permezz tal-Marixxalli tal-Qorti u jekk ikun hemm bzonn bl-intervent tal-Pulizija Gudizzjarja taht is-sanzjoni ghal disprezz tal-Qorti f'kaz li l-atturi jibqghu ma jonorawx dan id-digriet, b'dan ukoll li *in vista* ta' dak hawn deciz u anke fil-kuntest tat-tieni talba attrici qed jigi revokat id-digriet tas-6 ta' Settembru 2004 dwar it-tutela tal-istess minuri hemm degretata.

2. Tordna minflok li t-tutela tal-minuri Tristian Pace tigi vestita f'idejn l-atturi Rosario u Carmen Baldacchino u dan fl-interess suprem tal-istess minuri u b'dan li huwa rakkomandabbli li l-konvenuti gradwalment jinghataw access ghall-istess minuri skont kif indikat f'din id-decizjoni u bl-assistenza tas-*social workers* tal-Agenzija Appogg.

Illi tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-ispejjez ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet, fil-waqt li tordna li kopja legali ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata u kkomunikata mir-Registratur tal-Qorti lill-Agenzija Appogg.

Tordna komunika ta' din is-sentenza lir-Registratur tal-Qorti sabiex issir il-komunika hawn ordnata lill-Agenzija Appogg.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------